# ID-DAWL

MARZU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 15

**"Bħalma s-swaba' taż-żewġ idejn huma l-istess, hekk il-bnedmin huma ugwali għal xulxin."**



It-Tneħħija tal-Ostakli | L-Armonija bejn ir-Razez | Id-Donazzjoni ta' Wheelchairs | L-Għata tar-Ras

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IT-TNEĦĦIJA TAL-OSTAKLI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Li taqdi l-umanità u li tipprovdi l-wens u l-kumdità huwa att ġeneruż ħafna. Ħażrat Abu Ħurairah[ra] irrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Darba persuna kienet miexja f'mogħdija u ntebħet b'fergħa mimlija xewk li waqgħet minn siġra fl-art. Din il-persuna neħħietha mit-triq. Alla aċċetta dak l-aġir bħala forma ta' gratitudni u ħafrilha."** (*Ġami Al-Tirmizi*)

Il-messaġġ ta' dan id-diskors huwa ċar ħafna. Meta nneħħu ostaklu bil-għan li nipprovdu għajnuna u kumdità lill-oħrajn, dan isir tabilħaqq att nobbli u huwa ppremjat bil-kbir minn Alla l-Ġeneruż. It-tieni, dan jurina li qatt m'għandna nqisu att ġeneruż bla siwi ta' xejn, anki jekk dan ikun ċkejken ħafna. Il-għaliex, kollox jgħodd, anki jekk jidher minimu.

**ID-DAWL**
Marzu 2019 – Numru 15 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** Zurijeta | Shutterstock; Ritratt p.4 Sonofpromise | Shutterstock

# IN-NUQQAS TA' DISKRIMINAZZJONI

Matul il-battalja ta' Badr, ħafna min-nies ta' Mekka nqabdu priġunieri. Rabtuhom sewwa bil-ħbula, ħalli ma jkunux jistgħu jaħarbu. Fost il-priġunieri kien hemm Abbaas, ziju tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li kien għadu ma jemminx fl-Iżlam u li ssielet kontra l-Musulmani. Lilu wkoll rabtuh bil-ħbula f'post li ma kienx 'il bogħod minn fejn kien qed jistrieħ il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għal-lejl. Il-ħbula tant kienu ssikkati li l-priġunieri kollha bdew jokorbu bl-uġigħ.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] sema' l-krib ta' Abbaas, u ma setax jorqod. Id-dixxipli ntebħu b'dan u ħallew l-irbit ta' Abbaas. Issa ma nstemax aktar twaħwiħ mingħandu.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] bagħat għal xi ħadd u staqsa għala ma kienx qed jisma' aktar il-krib ta' Abbaas. Qalulu li l-irbit ta' Abbaas kien inħall, ħalli l-krib tiegħu ma kienx idejjaq lill-Qaddis Profeta[sa]. Minħabba f'hekk, il-Qaddis Profeta[sa] qal:

> **"Il-priġunieri kollha għandhom jiġu stmati l-istess. Ħollu l-irbit ta' kulħadd, jew issikkaw il-ħbula ta' Abbaas bħal qabel."**

Wara dan id-diskors id-Dixxipli ħallew il-ħbula tal-priġunieri kollha. Dan huwa eżempju sabiħ ta' ġustizzja u nuqqas ta' diskriminazzjoni.[1]

1 *Stories from Early Islam*, p.133-134

# L-ARMONIJA BEJN IR-RAZEZ

Il-21 ta' Marzu huwa kkommemorat kull sena bħala l-Jum Internazzjonali dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni razzjali bħala parti mill-kampanja tal-Ġnus Magħquda li tippromwovi l-armonija razzjali u l-ugwaljanza.



Il-qafas u s-sovrastruttura tat-twemmin Iżlamiku huma bbażati fuq prinċipju wieħed kardinali, il-prinċipju tal-unità tal-Ħallieq u tal-unità tal-umanità li Huwa stess ħoloq. Dan il-prinċipju uniku u effettiv jiġi mħeġġeġ b'manjiera distintiva ta' mħabba u għożża reċiproka, solidarjetà umana, tolleranza u armonija fis-soċjetà. Dan it-tagħlim universali u profond tal-Iżlam huwa intenzjonat li joħloq kultura umana universali. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> **"Ja bnedmin, aħna ħloqniekom minn raġel u mara; u qassamniekom fi tribujiet u fi tribujiet iċken ħalli ssiru tafu lil xulxin. Tabilħaqq, l-aktar nobbli minnkom quddiem Alla huwa dak l-aktar devot fostkom."** (49:14)

Il-messaġġ ta' dan il-vers huwa ċar. M'hemm l-ebda klassijiet soċjali jew supremazija razzjali, iżda n-nies kollha huma ugwali, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni jew distinzjoni. Ir-razza sħiħa umana mhix ħlief familja waħda.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] nieda digriet qawwi dwar l-ugwaljanza u l-armonija razzjali fl-aħħar prietka tiegħu tul l-Aħħar Pellegrinaġġ tiegħu f'Mekka. Huwa stqarr:

"Nies, dak li qed ngħidilkom, tridu tisimgħuh u tiftakruh. Alla għamilkom aħwa ta' xulxin, għaldaqstant tkunux mifrudin. Kollha kemm intom ugwali. Il-bnedmin kollha, ta' nazzjonijiet u tribujiet differenti, u ta' pożizzjonijiet fil-ħajja diversi, huma kollha l-istess.

**Bħalma s-swaba' taż-żewġ idejn huma l-istess, hekk il-bnedmin huma ugwali għal xulxin. Ħadd m'għandu d-dritt, jew superjorità, fuq ħaddieħor. Intom kollha bħal aħwa.**

Dak li qed nordnalkom illum ma jgħoddx biss għal-lum. Jgħodd għal dejjem. Intom mistennija li tiftakru dan u taġixxu fuqu sakemm titilqu minn din id-dinja u tmorru fl-oħra biex tiltaqgħu mal-Ħallieq tagħkom.

Dak li għedtilkom, għandkom twassluh sat-truf tal-art. Forsi dawk li ma semgħunix jibbenefikaw minnu aktar minn dawk li semgħu."

Dan il-messaġġ ta'armonija razzjali, ugwaljanza u fraternità umana ngħata aktar enfasi mill-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], li jikteb:

> **"Jekk tixtiequ li Alla jkun kuntent bikom fis-smewwiet, ingħaqdu flimkien daqslikieku kontu aħwa mweldin mill-istess omm. Dak li jaħfer l-aktar it-trasgressjonijiet ta' ħuh ikun l-aktar nobbli fostkom. Sfortunat ikun dak li jwebbes rasu u ma jaħfirx."** (*Kashti Nuh*, p. 21)

Ejja naħdmu id f'id, u ningħaqdu kontra kull tip ta' diskriminazzjoni biex nibnu b'mod effettiv dinja aħjar – dinja ta' unità, ugwaljanza, armonija u fraternità.

# L-GĦATA TAR-RAS

## M: Għalfejn l-irġiel Musulmani jgħattu rashom?

Huwa minnu li ħafna Musulmani Għarab u Asjatiċi jilbsu t-turban għaliex hija biss drawwa, u m'hemm l-ebda obbligu reliġjuż li jsostni li dan għandu jintlibes. Ir-raġuni għala l-Musulmani jagħżlu li jilbsu t-turban hija biex b'hekk jiġi rifless l-ispirtu tal-Iżlam li jfittex li jfakkar lin-nies f'Alla u fit-twemmin.

Barra minn hekk, b'dan l-aġir il-Musulmani jkunu qegħdin isegwu l-eżempju nobbli tal-Profeta tal-Iżlam. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien jilbes turban. B'dan il-mod, l-irġiel Musulmani huma mitluba u mħeġġa biex jgħattu rashom biex jimxu mal-eżempju nobbli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], bħala sinjal ta' rispett, serjetà, formalità u responsabbiltà.

Waqt it-talb, il-Musulmani għandhom jgħattu rashom għaliex huma jkunu fil-preżenza tal-Mulej tagħhom. L-għata tar-ras huwa sinjal ta' turija ta' rispett lejn Alla u l-istituzzjoni tat-Talb. Bl-istess mod xi Musulmani jagħżlu li jgħattu rashom saħansitra f'ħinijiet oħra biex ifakkru fil-fidi tagħhom u f'Alla.

**M'hemm l-ebda l-ordni fuq is-sura tal-għata tar-ras, għaldaqstant din tista' tvarja minn brieret għal kpiepel għal traban.**

Fil-kultura Għarbija u Asjatika t-turban kien jissimbolizza wkoll li l-persuna kienet mimlija għerf u dehen. B'hekk dan kien iservi wkoll bħala riflessjoni ta' kif għandu jkun verament wieħed Musulman – wieħed li hu dejjem konxju tal-Ħallieq tiegħu u dejjem ħerqan biex ifittex l-għarfien.

# IL-VELU

## M: X'inhu l-ħsieb wara s-sistema tal-velu?

"Illum il-velu jinsab taħt attakk, iżda l-kritiċi ma jafux li l-velu Iżlamiku ma jfissirx priġunerija; iżda aktar iservi ta' barriera li tipprova trażżan it-taħlit liberu bejn l-irġiel u n-nisa. Il-velu jipproteġihom milli jaqgħu fl-iżball.

Persuna raġonevoli żgur tapprezza l-fatt li t-taħlit ħieles bejn l-irġiel u n-nisa u li jkunu fil-preżenza ta' xulxin jippreżenta r-riskju li dawn iċedu malajr għat-tħeġġiġ tal-emozzjonijiet tagħhom. Ġie nnutat li għal xi wħud ma fiha xejn ħażin li raġel u mara jkunu weħidhom flimkien wara bibien magħluqa. Din hija meqjusa bħala mġiba ċivilizzata. Biex jipprevjeni li jinħolqu dawn is-sitwazzjonijiet imbarazzanti, Dak li Kkrea l-Liġijiet tal-Iżlam ipprojbixxa dawn l-atti kollha għax jistgħu jkunu ta' tentazzjoni għal kulħadd.

F'sitwazzjoni bħal din fejn mara u raġel, li l-liġi ma tagħtihomx permess li jiltaqgħu, iwettqu dan privatament, ix-Xitan isir it-tielet membru tal-grupp. Immaġinaw il-ħsara li qed issir fl-Ewropa minħabba din il-libertà sfrenata. F'ċerti żoni tal-Ewropa qed jgħixu ħajja ta' promiskwità sfaċċata li hija r-riżultat aħħari ta' din it-tip ta' mentalità.

**Jekk inti trid issalva l-fiduċja, inti trid tħarisha. Iżda, jekk inti ma toqgħodx attent, ftakar li anki jekk in-nies ikunu apparentament dħulin, dik il-fiduċja tista' tinkiser b'mod definittiv.** F'dan ir-rigward it-tagħlim tal-Iżlam jipproteġi l-ħajja soċjali minn dawn l-imġibiet mhux permissibbli billi jżomm lill-irġiel u lin-nisa separati minn xulxin."[2]

(2) Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Malfużat* Vol. 1, p. 29-30

# ID-DONAZZJONI TA' WHEELCHAIRS U ĦAMPERS



L-Ahmadiyya Muslim Jammat Malta ppreżentat għotja ta' sitt siġġijiet tar-roti u 100 ħamper tal-frott lir-residenti tar-residenza Sant' Anna fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Din kienet ippreżentata lill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex Joseph Fenech mill-President tal-Ahmadiyya Muslim Jammat Malta l-Imam Laiq Ahmed Atif.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:





Ritratti: MGOZ - Terry Camilleri

**"Fittxu 'l Alla qalb id-dgħajfin tagħkom u uru dħulija magħhom."**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**